



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Diskors

Il-Lussemburgu, it-8 ta' Diċembru 2015

Diskors minn Vítor Caldeira, President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Preżentazzjoni tar-Rapporti Annwali 2014

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)

Brussell, it-8 ta' Diċembru 2015

Id-diskors proprju jitqies b'ħala awtentiku.
Il-verżjoni mitkellma għandha tiegħu preċedenza.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 621 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal għall-Istampa T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu

@EUAuditorsECA

eca.europa.eu

President,

Ministri,

Huwa unur għalija li nippreżenta r-rapporti annwali tal-Qorti lill-Kunsill.

Kif tafu, din is-sena aħna appellajna għal "approċċ kompletament ġdid" għall-investimenti u l-infiq tal-UE.

Għamilna dan għal tliet raġunijiet prinċipali:

- L-ewwel nett, l-UE u l-Istati Membri għarfu l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati **sfidi ġodda kbar**;
- It-tieni nett, għad baqa' problemi serji ta' ġestjoni finanzjarja tal-UE li ilhom jeżistu u li jridu jiġu indirizzati; u
- It-tielet nett, l-analiżi ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali tipprovdi opportunità biex il-prijoritajiet u xi skemi ta' finanzjament jerġgħu jiġu kkunsidrati b'mod fundamentali.

Kien ta' inkoraġġiment għalija li nisma' r-reazzjoni pożittiva tal-Viċi President tal-Kummissjoni Georgieva u tal-Membri tal-Parlament Ewropew, meta x-xahar li għadda ppreżentajt dan il-messaġġ lill-Parlament.

Ministri,

Huwa ċar li dan hu żmien diffiċli ħafna għall-UE u għall-Istati Membri. L-Ewropa qed tiffaċċja **sfidi kbar** f'diversi oqsma:

- il-kriżijiet tar-refuġjati u tas-sigurtà;
- l-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-enerġija u l-ilħuq tal-miri klimatiċi; u
- il-ġenerazzjoni ta' tkabbir ekonomiku suffiċjenti u ta' biżżejjed impjiegi.

Jinħtieġ li jintużaw fondi pubbliċi biex dawn l-isfidi jiġu indirizzati, u huwa essenzjali li dawn il-fondi jiġu investiti tajjeb.

Il-baġit tal-UE huwa sors importanti ta' fondi fil-livell tal-UE. Ir-rapport tagħna juri li dan jista' jiġi investit aħjar u b'mod aktar rapidu biex l-isfidi li l-Ewropa qed tiffaċċja jiġu indirizzati.

Iżda biex dan iseħħ, jeħtieġ li problemi ta' ġestjoni finanzjarja li ilhom jeżistu - u li aħna niġbdu l-attenzjoni għalihom fir-rapport tagħna - jiġu indirizzati.

L-ewwel nett, akkumulaw għadd ta' **xogħlijiet finanzjarji b'lura**.

Il-baġit tal-UE huwa impenjat b'mod eċċessiv u huwa previst li se jibqa' hekk għall-futur qrib.

Xi Stati Membri qed isibuha diffiċli biex jassorbu l-fondi tal-UE li ġew allokati lilhom.

Għad hemm ukoll livell għoli ta' fondi mhux użati fl-istrumenti finanzjarji.

L-indirizzar ta' dawn ix-xogħlijiet b'lura jservi biex jiġu rilaxxati fondi li jkun jistgħu jintużaw fejn jinħtieġu l-aktar.

Fil-fehma tagħna, il-flessibbiltà tal-baġit tal-UE hija kwistjoni ewlenija li għandha tiġi indirizzata fl-analiżi ta' nofs it-terminu.

It-tieni nett, għad hemm wisq flus li ma jintnefqux skont ir-regoli finanzjarji tal-UE.

Hemm **livell persistentement għoli ta' żbalji fil-pagamenti**. Ir-rata kumplessiva ta' żball stmata għall-pagamenti fl-2014 kienet ta' 4.4 %, u din issa ilha stabbli għal dawn l-aħħar tliet snin.

Aħna nagħrfu li f'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għamlu progress fil-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbalji.

Iżda, għal darb'oħra, ir-rapport tagħna juri li, li kieku ntużat l-informazzjoni kollha disponibbli, setgħu jiġu kkorreġuti ħafna aktar żbalji mill-awtoritajiet nazzjonali.

Fil-fatt, f'dawk l-oqsma taħt ġestjoni kondiviża li huma l-aktar suxxettibbli għal żball, il-livell ta' żball seta' tnaqqas bin-nofs.

Minkejja dan, il-programmi u l-iskemi ta' nfiq tal-UE huma inerentement riskjużi minħabba li l-pagamenti għadhom jiddependu, fil-biċċa l-kbira, fuq informazzjoni pprovduta mill-benefiċjarji finali nfushom.

L-analiżi tagħna turi li hemm lok għat-tfassil ta' skemi ta' nfiq li jkunu inqas suxxettibbli għal żball, b'mod partikolari bis-simplifikazzjoni tal-kundizzjonijiet u l-proċeduri għal pagament.

Hija turi wkoll li l-livell ta' żball stmat huwa relatat aktar mill-qrib mat-tip ta' skema ta' nfiq, milli ma' jekk dawn l-iskemi jaqgħux taħt ġestjoni kondiviża.

Huwa għalhekk li aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tiffoka l-analiżi tagħha ta' nofs it-terminu fuq it-tfassil ta' ċerti skemi, biex tidentifika fejn hemm lok għall-"iżgurar li mhemmx żbalji".

Inqas żbalji u korrezzjonijiet aħjar itejbu l-kwalità ta' nfiq u jirrilaxxaw fondi għall-użu band'oħra.

Dan iwassalni għat-tielet qasam fejn jinħtieġ titjib, **il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE**.

Aħna sibna li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali jista' jkun allinjat aħjar mal-istrateġija Ewropa 2020, kemm f'termini ta' perjodi kif ukoll f'termini ta' prioritajiet.

Aħna niġbdu l-attenzjoni wkoll għall-fatt li miri u għanijiet politiċi ta' livell għoli tal-UE ma jiġux ikkonkretizzati f'objettivi operazzjonali ċari f'livelli aktar fil-baxx.

Dan huwa prerekwiżit għal ġestjoni u rappurtar effettivi dwar il-prestazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-ġestjoni finanzjarja tal-UE tista' wkoll tibbenefika ħafna minn **aktar trasparenza**. Dan huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-fiduċja taċ-ċittadini.

Fir-rapport tagħna, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tieħu azzjoni biex ittejjeb it-trasparenza dwar:

- il-ħtiġijiet tal-UE ta' flussi tal-flus fuq terminu twil;
- l-iżbalji fil-pagamenti u l-korrezzjonijiet finanzjarji li jsiru; u
- ir-riżultati tal-infiq tal-baġit tal-UE.

Iżda huwa daqstant importanti li tiġi żgurata t-trasparenza għall-politiki tal-UE li ma jiġux iffinanzjati direttament mill-baġit tal-UE.

Mezzi ġodda ta' finanzjament tal-politiki tal-UE ma għandhomx jostru r-riskji finanzjarji mill-iskrutinju pubbliku u l-awditjar.

B'rispons għal kriżijiet speċifiċi żviluppaw arranġamenti ġodda ta' finanzjament. F'kull każ, aħna wissejna dwar il-ħtieġa li, mill-bidu nett, jiġu żgurati obbligu ta' rendikont pubbliku u arranġamenti tal-awditjar effettivi.

Għandi l-pjaċir ngħid li qed jingħata widen għat-twissijiet tagħna. B'mod partikolari, il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni jagħti lill-Qorti mandat ċar għall-awditjar pubbliku.

Iżda hemm ir-riskju li l-obbligu ta' rendikont jista' jsofri jekk, kumplessivament, l-arranġamenti ta' finanzjament isiru wisq frammentati.

Ministri,

L-analiżi ta' nofs it-terminu tipprovdi opportunità biex jiġi żviluppat **approċċ kompletament ġdid** għall-ġestjoni finanzjarja tal-UE, biex il-fondi jintużaw aħjar għall-indirizzar ta' sfidi ġodda u biex jiġu riżolti l-problemi li ilhom jeżistu u li jien għbidt l-attenzjoni għalihom.

Fil-fehma tagħna, biex l-UE tinvesti flusha aħjar u b'mod aktar rapidu jeħtieġ li:

- dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jiżguraw li l-investimenti jkunu jaqblu aktar mal-prijoritajiet tal-Unjoni, li qed jinbidlu;
- il-leġiżlaturi jissimplifikaw l-istrumenti, biex b'hekk iwasslu riżultati aħjar b'riskju baxx għall-kontribwenti; u
- il-manigġers finanzjarji jiżguraw li r-riżorsi disponibbli jintużaw b'mod aktar effiċjenti.

Il-Qorti tinsab lesta li tikkontribwixxi għad-djalogu istituzzjonali fil-kuntest tal-analiżi ta' nofs it-terminu.

Ibbażat fuq l-esperjenza tagħna tal-awditjar, aħna biħsiebna niżviluppaw il-kontribut tagħna madwar dawk li nistgħu nsejġu t-"tliet pilastri" li jiżguraw il-valur miżjud Ewropew għaċ-ċittadini:

- L-ewwel nett, l-issettjar tal-objettivi;
- It-tieni nett, il-mekkaniżmi eżekuttivi; u
- It-tielet nett, l-arranġamenti tal-awditjar u tal-obbligu ta' rendikont.

President, Ministri,

Il-Qorti tal-Awdituri tesprimi s-solidarjetà tagħha mal-Kunsill u mal-Istituzzjonijiet Ewropej l-oħra f'dan iż-żmien diffiċli ħafna.

Id-difiża tal-Unjoni tagħna u l-iżgurar tal-benessri taċ-ċittadini tagħna se jitfgħu piż kbir fuq ir-riżors komuni tagħna.

Il-kompitu prinċipali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri se jibqa' jkun li ngħinu biex niżguraw li dawk ir-riżorsi jintużaw bl-aħjar mod possibbli.

Grazzi tal-attenzjoni tagħkom.